# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru għoxrin (20) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Il-knis, u qtugħ tal-ħaxix, tar-raħal**

3.1 Is-Sindku qal li mar mal-kuntrattur fil-partijiet tar-raħal fejn hemm l-iżjed problemi tal-ħaxix. Il-Kunsill għamel użu tas-servizzi ta' nies oħra li għamlu xogħol tajjeb. Għalhekk is-Sindku ura lill-kuntrattur x'jippretendi l-Kunsill minn nies tiegħu. Il-kuntrattur għandu sal-aħħar ta' din il-ġimgħa biex jispiċċa x-xogħol. Il-Kunsill se jagħmel użu mid-drittijiet tiegħu u jekk is-sur Valletta ma jlaħħaqx sad-*deadline* u ma jagħmilx xogħol sew, bil-kunsens tiegħu, il-Kunsill mhux se jħallas għax-xogħol. Fil-bidu tal-ġimgħa li ġej, is-Sindku se jispezzjona x-xogħol qabel ma jittieħed deċizzjoni.

3.2 Il-kunsillier Eddie Bonello spjega li hemm ħaxix u frak f'ċertu toroq li ilhom hemm żmien twil. Is-Sindku ppropona li nużaw mezz differenti biex ineħu dan il-ħmieġ.

3.3 Il-kunsillier Eddie Bonello qal li hemm ħafna ħmieġ tal-klieb f'triq Ġwann Zammit. Il-Kunsill jixtieq jaqbad il-persuna, jew persuni, responsabbli li jħalu l-ħmieġ tal-klieb mal-art.

3.4 Il-kunsillier Eddie Bonello qal li l-ftehim kien li meta t-tfal jibdew l-iskola, il-knis mar-raħal tibda f'triq
Dun Ġuzzepp Caruana.

**4. Korrispondenza**

4.1 Is-sur Alexis Callus talab li l-Kunsill iħallas it-trasport għall-kor li ħa jġib fir-raħal fl-14 t'Ottubru għal GloriaFest. Il-kunsillier Francis Callus xtaq ikun jaf taħt liema titolu se jorganizza l-festival is-sur Callus. Hu u l-kunsillier Eddie Bonello nnottaw li wara l-għajnuna tal-Kunsill għall-istess tip

ta' talba fis-sajf [Solentura Kor] ma kien hemm l-ebda rikonoximent jew logo tal-Kunsill fl-advert tal-okażżjoni. Fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal li konna imsemijin bħala sponsors fil-fuljett. Wara vot, it-talba għaddiet b'tliet voti favur kontra tnejn.

**5. Is-Sindku spospenda l-laqgħa meta waslu tlett repreżentanti ta' Żurrieq Wolves li ġew biex jidiskutu l-possibilita li n-nursery tagħna tikkolabora mal-'iskola' tagħhom.**

5.1 Is-sinjuri Manwel D'Amato u Roderick Saliba [Żurrieq Wolves] talbu li n-nursery ta' Ħal Safi tingħaqad magħhom biex ikun hemm forza iżjed qawwija għal clubs fir-reġjun tagħna. Huma jixtiequ jagħmlu l-istess tip ta' avvanzi ma' rħula oħrajn. Jixtiequ li nagħmlu kumitat konġunt u tim.

5.2 Il-club ikun imsemmi Safi Wolves wara mistoqsija, fuq l-isem propost, mingħand il-kunsillier Eddie Bonello.

5.3 It-technical Director jkun is-sur Omar Schembri li hu l-Head Kowċ tan-nursery ta' Ħal Safi.

5.4 Il-kunsilliera xtaqu jafu fejn se jittrejnjaw u jilgħabu t-tfal. Ma kienx hemm rispons definit fuq meta se jintużaw il-grounds pero ħa jintużaw iż-żewġ grounds.

5.5 Il-kunsillier Francis Callus semma li l-Wolves jieħdu players li waslu biex jirtiraw u jixtieq ikun jaf għala għandhom interess fiż-żagħżagħ issa. Is-sur Roderick Saliba qal li l-club dejjem aċċetta nies dilletanti u mhux bil fors għax huma irtirati mal-MFA.

5.6 Kien hemm qbil li jekk il-Kunsill jiddeċċiedi jdaħħal in-nursery mal-Wolves, dawk li għadhom kif xtraw il-kits jużaw dawk li għandhom issa, sakemm joħorġu minnhom.

5.7 Il-kunsillier Francis Callus avża li aħna nieħdu xi benefiċċji għan-nursery u li dejjem erfajna r-responsabilita anka meta għamilna ftit dgħin bin-nursery. Spjega kif jekk ineħu l-isem tagħna aħna ma nkunux nistgħu nieħdu dawn il-benefiċċji, waqt li qal li qas ikun jixtieq jara ħaddieħor igawdi l-frott tax-xogħol tal-Kunsill wara li dejjem konna hemm għan-nursery. Għalhekk qal, li barra li nikkomunikaw mal-kowċ u l-ġenituri, aħna għandna nagħmlu l-*homework* tagħna.

5.8 Wara qbil unanimu bejn il-kunsilliera, is-Sindku qal li se nieħdu deċizzjoni wara li nkelmu mal-ġenituri tat-tfal tan-nursery u mal-kowċ Omar Schembri li għandu jattendi l-laqgħa li jmiss. Is-sur D'Amato xtaq li ntuħ risposta sa 3 t'Ottubru iżda l-kunsilliera qablu li sa dak iż-żmien mhux se jirnexxilna nikkomunikaw mal-ġenituri tat-tfal.

5.9 Fis-6.45 spiċċa d-diskors fuq is-suġġett. Il-mistiednin telqu u tkompliet l-laqgħa tal-Kunsill.

**6. Ħwejjeġ oħra**

6.1 Il-kunsilliera ddiskutew x'tip ta' tabelli, u fejn se nagħmluhom t-tabelli l-ġodda għall-karrozzi li jixtiequ jidħlu f'qalb ir-raħal wara li tinfetaħ triq il-Karwija.

6.2 Il-kunsillier Francis Callus qal li għandna nneħu is-sinjal ta' STOP fil-bidu [fejn ir-roundabout] ta' triq San Pawl, kantuniera ma triq San Ġwann.

6.3 Il-kunsillier Eddie Bonello qal li għandna nsibu mezz kif nilqaw l-heavy traffic ġor-raħal, u li għandna niddiskutu d-definizzjoni ta' Heavy Traffic. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li għandna nżidu tabella biex ngħidu "except to render a service".

6.4 Is-Sindku ppropona li nixtru projector għas-sala. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jġib il-quotations.

6.5 Is-Sindku qal li rċieva talba biex ngħolu b'fillata il-ħajt li hemm ġo triq San Ġwann. Il-kunsilliera qalu li dan isir biss jekk il-MEPA jagħtu permess.

6.6 Is-Sindku qal li hemm siġriet li kibru f'triq il-Ħajt Ruman u kisru pajpijiet tad-drenaġġ quddiem dar ta' resident. B'hekk hu talab li nneħu s-siġriet iżda l-kunsilliera kkonkludew li r-resident għandu jikteb lil tal-Agrikultura biex huma jagħmlu x-xogħol. Il-Kunsill se jibgħat rapport f'ismu.

6.7 Is-Sindku nforma l-Kunsill li hemm €10,000 fondi mid-Dipartament minn fejn nistgħu nagħmlu użu minnhom. Il-kunsilliera ddiskuttew fuq xiex nistgħu nonfqu dawn il-fondi. Tabelli, dustbins u l-funtana tal-Playing field fejn il-Kunsill. Dawn kienu wħud mill-idejat tal-kunsilliera.

6.8 Is-Sindku nforma l-kunsilliera li tal-Bulky Refuse qed jieħu wisq oġġetti li kultant ikunu żgħar u jiġu kwalifikati bħala 'item', u b'hekk qegħdin noħorġu wisq flus. Il-Kunsill għandu ssib mezz biex nbaxxu l-amont ta' flus li noħorġu għal Bulky mingħajr ma nnaqsu mis-servizz għar-residenti. Is-Sindku tahom eżempju fejn f'ġurnata kellna nħallsu €240.

**7. Korrispondenza**

7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qara talba mingħand il-kowċ tan-nursery fejn saqsa għal equipment ġdid għan-nursery. Qal li l-amont totali jkun viċin €240. Il-Kunsill approva t-talba.

**8. Laqgħa li jmiss**

8.1 Fil-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandhom jidiskutu l-ħatra t'Accountant. Il-Kunsill se joħroġ quotations għax-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

8.2 Se jiġi diskuss ukoll il-problemi u s-servizz tal-kumpanija 'Arriva'.

**9. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 19.**

**10. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.**

**11. Il-laqgħa li jmiss se tkun fit- 28 ta' Settembru 2011**

Approvati llum 28/09/2011

| | |
|---|---|
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |